MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Numru 475/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**versus**

**Elliott James Fenech**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti konta Elliott James Fenech ta’ 21 sena, iben Raymond u Patricia nee’ Zammit Fava, imwieled l-Awstralja nhar it-8 ta’Ġunju 1985 u residenti Ta’ Lawrenzu, Triq il-Qbajjar, Żebbuġ, Għawdex u li għandu l-karta bin-numru ta’ l-identita’ 439998 (M)

Akkużat talli fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Novembru 2006 u matul is-sentejn qabel din id-data f’dawn il-Gżejjer

a) kellu fil-pussess tieħgu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif emendati **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

b) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-esperti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-26 ta' Novembru 2006 dwar l-Artikolu 120A(ii) kif wkoll l-Ordni l-oħra ta' l-Avukat Ġenerali jiġifieri l-Artikolu 22(ii) (fol 4); rat ir-risposta ta' l-imputat a fol 7 illi ma kienx ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu; l-Ordni tal-Qorti sabiex ix-xhieda li qed tinstema' f'din il-kawża tkun tgħodd ukoll għall-kawża 'Spettur Pierre Grech vs David John Buttigieg'; il-ħatra ta' Martin Bajada fuq talba tal-prosekuzzjoni sabiex iġib mingħand is-service providers l-informazzjoni li kienet meħtieġa in konnessjoni mal-kaz (fol 13); l-istqarrija magħmula mill-imputat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-25 ta' Novembru 2006 fis-1.15pm; ir-relazzjoni magħmula mis-Sur Martin Bajada mmarkata bhala Dok MB; id-digriet li fih intlaqgħet it-talba tal-Kummissarju tal-pulizija sabiex ikun hemm kopja oħra ta' l-atti ta' l-inkjesta imħejjija mill-Maġistrat Dr. C Scerri Herrera sabiex tkun inserita fl-atti tal-kawża 'Pulizija vs David John Buttigieg' (fol 45); il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar sejba ta' droga fuq Elliott James Fenech u David Buttigieg, liema dokument huwa mmarkat bhala Dok CA; kif wkoll il-konferma tal-ħatra ta' l-esperti li kienu nominati fl-inkjesta;

id-dokument li huwa mmarkat GS u li hija r-relazzjoni magħmula mis-Sur Godwin Sammut a fol 56.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Fl-24 ta' Novembru 2006 il-pulizija għamlet investigazzjonijiet dwar droga u dan billi bagħtet membri tad-drug squad fiċ-Ċirkewwa. Għall-ħabta tal-11.00pm kienu nnutati żewġ persuni żgħażagħ telgħin fuq il-vapur li qanqlu xi suspett li jista' jkollhom xi ħaġa relatata mad-droga fuqhom. Meta saret is-search instab li dawn kellhom madwar 200 pillola extacy kull wieħed. Fil-wallet ta' l-imputat kienet instabet biċċa resin tal-cannabis ta' size żgħira ħafna u instabet xi karta tal-flus falza. Kienet saret inkjesta u inħatru diversi esperti fosthom is-Sur Godwin Sammut bħala drug analyst u lil PC 1525 Farrugia bħala scene of the crime officer. Id-droga kienet fotografata fil-presenza ta' kull suspettat individwalment. Il-Maġistrat li kienet fetħet l-inkjesta kienet Dr. Consuelo Scerri Herrera. Il-mobile phones ta' l-imputati kienu elevati mill-ispettur stess. Huwa ppreżenta mobile phone tal-marka Nokia ta' kulur abjad ta' l-imputat Eliott James Fenech.

<u>L-istqarrija ta' l-imputat</u>

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li hu jieħu l-extacy u xi nifs tal-cannabis u kien ilu li beda jieħu dawn id-drogi sentejn. Ħabib tiegħu kien iġiblu dawn id-drogi. Għalkemm dan il-ħabib ma jbiegħx. L-imputat qal li huwa kien ltaqa' ma persuna ohra, tkellmu fuq l-extacy u ddeċidew li jiġu Malta u jagħmlu dawra jaraw isibux xi ħaġa. Kien bi ħsiebu jixtri 'l fuq minn 100 pillola għalih personalment. Il-persuna l-oħra qaltlu li riedet tixtri xi ħaġa għaliha. Kien ġab madwar Lm500 u marru b'taxi għal Paceville. Mistoqsi jekk hux veru li kienu sabulu madwar 200 pillola extacy kull wieħed fil-qalziet ta' taħt ta'

kull wieħed minnhom, l-imputat wieġeb iva. Fil-fatt fuqu sabulu 200 pillola imma hu kellu biss 150 għax il-50 l-oħra kienu ta' sieħbu. L-imputat kien ħallas ghal 150 extacy. Kienu f'pakketti ta' mija 'l wieħed meta xtrawhom. Ix-xiri tad-droga kien sar fit-triq. L-imputat qal li dawn kienu għalih personali għax hu jħobb ħafna meta joħroġ u ġieli anke 15 jew 20 f'lejl wieħed (fol 21). Huwa nnega li qatt biegħ xi droga lil ħaddiehor.

Xehed PS 765 Samuel Attard illi qal illi kienu għamlu search ħdejn il-moll fuq l-imputat pero' ma rrizulta xejn. Imbgħad ħaduhom l-għassa tac-Cirkewwa biex isir strip search. Kienu nstabu fil-qalziet ta' taħt ta' l-imputat u ta' sieħbu żewġ boroz kull wieħed ta' pilloli bojod allegatament extacy u l-ammont kien madwar 100 f'kull borża. Għal hekk fuq l-imputat Elliott Fenech kienu instabu 200 pillola.

Xehed PC 706 Norman Cremona illi qal illi kienet saret strip search ġewwa l-għassa u kienu nnutaw illi kien hemm żewġ boroż b'ammont ta' extacy fil-parti tal-qalziet ta' taħt. Huma kienu bdew bl-imputat li kien qed jgħaraf fl-awla. Kienu qegħdin f'zewg boroż, jiġifieri kull wieħed kellu żewġ boroz b'ammont u ammont. Kienu qegħdin ġo borża tal-plastic it-tnejn.

PC 279 Kevin Gauci kkonferma kif saret l-strip search u x'kien instab fuq kull persuna (fol 32).

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2007 ppreżenta r-relazzjoni tiegħu s-Sur Martin Bajada.

Xehed Godwin Sammut illi kien ħa a random sample ta' 31 pillola per eżempju skond l-ammont li jkun hemm ġewwa l-borża. Mir-relazzjoni ta' l-analista Godwin Sammut jirriżulta illi wara li ttieħed is-sample, il-pilloli elevati minn fuq l-imputat jidher li kien hemm 200 pillola illi dawn kien fihom l-extacy kif wkoll illi l-biċċa sustanza li kien hemm kienet cannabis u kellha piż ta' 0.53 grams.

Xehed PC 1525 Patrick Farrugia li ppreżenta vera kopja magmula minnu tar-ritratti oriġinali (fol 59).

Xehed Dun Emanuel Cordina li huwa direttur tal-Fondazzjoni Oasi li huwa inkarigat minn każijiet fejn hemm kriżi serja. Il-fondazzjoni taħdem għall-prevenzjoni, intervent immedjat, outreach u kura u rijabilitazzjoni għall-problema tad-droga u alcohol. Fuq l-imputat huwa qal li kien ltaqa' ma missieru f'Ottubru għaliex kien qed jara li l-attitudni tat-tifel tiegħu mhix qegħda sewwa. Ix-xhud kien talab lill-missier ħalli jkun jista jkellem lit-tifel. Kien għal xi nofs Ottubru jew it-tielet gimgħa ta' Ottubru tas-sena 2006 illi kien rah. Imbgħad inqala' l-kaz preżenti. Ix-xhud baqa' jagħti l-counselling u jeżamina l-imġieba u l-aġir ta' l-imputat. Illum il-ġurnata huwa bniedem li rranġa sewwa s-sitwazzjoni tiegħu ma missieru għaliex kien hemm problema bejnu u bejn missieru sa minn meta l-imputat kien żgħir. Kien hemm speċi ta' ribelljoni interna. U dan ix-xhud rnexxielu jirranġah mal-familja tiegħu u anke fil-ħajja soċjali limitata li kellu speċjalment ma l-ex girlfriend tiegħu. Illum il-ġurnata huwa nadif u l-aħħar test kien propju jum qabel ma dan ix-xhud tela' jixhed. L-imputat għandu aspettattiva li xi darba jieħu l-business ta' missieru. Illum jaħdem ma missieru u jgħinu fix-xogħol tiegħu. Sar tajjeb u kkalma.

Xehed ukoll Raymond Fenech li huwa missier l-imputat u qal illi ġieli ma kienx imur għax-xogħol l-imputat speċjalment nhar ta' Tnejn. In-nofs ta' nhar tas-Sibt kien qatgħu wkoll u meta kien imur għax-xogħol kien ikun nofsu rieqed. Il-missier pprova jkellem diversi ħbieb tiegħu qassisin biex jippruvaw ikellmuh ħalli forsi jifhem. Hu kien dejjem jiċħad, waqt illi l-missier kien qed jitlef ħafna xogħol. Fl-aħħar mar propja għand ix-xhud illi xehed qabel u cioe Dun Manwel Cordina. Illum jidher illi t-tifel imur għax-xogħol waħdu u jiġbor l-għodda u jaħdem.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Dwar l-ewwel imputazzjoni.

L-imputat huwa akkużat li kien fil-pussess ta' ecstasy li ma kienx għall-użu tiegħu waħdu.

**(a) Il-Pussess Sempliċi**

Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li għamlu l-istrip search fuq l-imputat xehdu li sabu żewġ boroż b'mitt pillola kull waħda.

Il-provi forensiċi ma jħallu ebda dubju li (a) in-numru totali li nstab fuq l-imputat kien ta' 200 pillola ; (b) li dawn kienu ecstasy.

Barra dan fl-istqarrija tiegħu, l-imputat stess li kienu xtrahom bejn l-4.00 u l-5.00p.m.ta' l-24 ta' Novembru 2006.mmMid-dar kien ħa Lm500 biex jagħmel dan. U marru mal-vapur tat-8.00p.m. jew tad-9.00 pm. Wara qabdu taxi għal Paceville li swiethom Lm10.

Huwa qal ukoll li fil-qalziet sabhulu mitejn pillola.Huwa llega li 150 biss kienu tiegħu u l-oħrajn kienu tal-persuna l-oħra għax kienu għadhom ma qasmuhomx u l-pilloli kienu f'pakketti tal-mija.

Għaldaqstant il-Prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat kine fil-pussess tad-droga.

**(b) Il-Pussess Aggravat**

Fl-istqarrija l-imputat jgħid darbtejn li l-pilloli kienu destinati għall-użu tiegħu (fol.20 vers 8) u fol.21 vers 2).

Mix-xhieda ta' Father Cordina jidher li f'Ottubru tas-sena 2006 – madwar tliet ġimgħat jew xahar qabel l-imputat inqabad b'din il-kwantita' ta' ecstasy – kien hemm laqgħa bejn x-xhud u l-imputat li wieeħd jista' jinferixxi li kienet dwar il-problema tad-droga.

Għalhekk jidher li l-imputat seta' kellu xi problema bid-droga.

Wara li qieset dan kollu, il-Qorti qed tiżen ukoll li l-imputat kellu balla flus fuqu kif qal hu stess u balla pilloli. Ukoll jekk wieħed jaċċetta l-verżjoni ta' l-imputat hwua kein ħalls

għal 150 biss, dan huwa numru sporporzjonat ma' l-użu personali.

Oltre dan, fl-istqarrija, l-imputat qal li meta joħroġ huwa kien jieħu 15 u 20 f'lejl wieħed,

Bir-rispett kollu, il-Qorti mhix qed temmen li kien xtara din il-kwantita' ta' ecstasy għalih innifsu u l-mod kif intużat din l-espressjoni fl-istqarrija jidher li l-imputat, ġaladarba nqabad b'daqashekk ecstasy, ried jibni l-ħajt tad-difiża tiegħu.

Dan il-Qorti tkompli tikkonfermah b'dak li qal li kien jieħu 15 jew 20 f'lejl wieħed. Din hija nuqqas ta' verita' oħra għaliex impossibbli li wieħed jieħu dak in-numru ta' ecstasy u jibqa' fuq saqajh. Dan in-numru intużż konvenjentement biex jipprova jipperswadi lill-Prosekuturi li l-pilloli kienu għalih bisss.

U kieku kellu jitwemmen l-imputat li kien joħroġ miegħu 15-20 pillola għal-lejl, jekk dan impossibbli li tikkonsmahom, bil-fors li dawk il-pilloli kienu qed jintużawq mod iħor u mhux għall-użu ta' l-imputat biss.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-26 t'Awwissu 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Carmel Degiorgio',:

'Il-pożizzjoni legali hija ċara: il-qorti trid tkun soddisfatta li hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u a bażi tla-provi li jinġabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv tal-pussesur. Prova ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista' , skond iċ-ċċirkostanzi tal-każ, tkun biżżejjed.'

Il-Qorti għandha din il-prova quddiemha – u din hija l-kwantita' enormi ta' pilloli ecstasy.[1]

[1] F'każi serji ta' pussess – ukoll jekk ma jkunx wieħed aggravat, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddeċidiet li l-imputat għandu jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva. Ara 'Il-Pulizija vs Carmel Spiteri' tat-2 ta' Settembru 1999 per l-Onor.Dr.Vincent Degaetano.

Il-Qorti ħarset lejn l-evidenza fil-proċess li biha l-imputat seta' pprova l-każ tiegħu fuq bażi ta' probabilita'.

L-imputat seta' kellu problema tad-droga u dan għaliex hu qal li kien ilu li beda jabbuża sentejn u għaliex jidher li ntalab l-intervent ta' Father Cordina xi ftit ġimgħat qabel l-imputat kien arrestat. Iżda dan ma jfissirx li għax wieħed ikollu l-vizzju, allura li dan ma jaħżinx ukoll biex jgħaddi d-droga lil ħadd ieħor. U dak li qal fl-aħħar parti ta' l-istqarrija tiegħu mhux biss ma jitwemminx iżda jkompli jsaħħaħ il-każ kontra l-imputat.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat.

**It-tieni Imputazzjoni**

**Pussess sempliċi ta' raża cannabis.**

Din hija ppruvata mill-istqarrija ta' l-imputat (fol.19) u mill-biċċa li nstabet fil-wallet ta' l-imputat . It-testijiet forensiċi stabbilew li din is-sustanza kienet THC f'ammont ta' 0.53 grammi.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 u r-Regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a),120(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tiżen dawn il-fatturi:

Pożittivi:

(a) Ġaladarba ma kenitx ippreżentata fedina penali ta' l-imputat, din hija preżunta nadifa;

(b) Li l-imputat jidher li bidel ħajtu.

Negattiv:

Il-kwantita' tad-droga li hija inkwetanti.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' tmintax-il xahar u għall-ħlas ta' multa ta' elf u mitejn 1200 (Euro) li jistgħu jitħallsu bir-rata ta' 100 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fiżmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euro li ma jitħallsux.

Ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9, ġaladarba l-inkjesta saret wara is-sittax ta' Jannar 2006, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' esperti li qed ikun ikkalkolat hekk:

(a) Nofs l-ispejjeż ta' l-espert s-sur Godwin Sammut B.Sc M.Sc, jiġifieri nofs Lm275.83 jew Lm137.91 - Euros 321.25;

(b) Nofs l-ispejjeż tal-fotgrafija: jiġifieri nofs Lm21.50 = Lm10.75 = 25.04 Euros

(ċ) 100.18 (espert Martin Bajada – Nokia ta' l-imputat) – 233.41 Euros

It-total ta' l-ispejjeż ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 huwa : 579.70 Euros.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------